MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2012

Numru 567/2012

Il-Pulizija
(Spettur Carlos Cordina
Spettur Jurgen Vella)

vs

Reno Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 0457084(M), akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) nhar 28 ta’ Mejju 2012 gewwa Rahal Gdid, ghal habta tal-11.00a.m., fi Triq Haz- Zabbar, ikkommetta serq ta’ katina ta’ kulur isfar u kif ukoll pendent ta kulur isfar

minn fuq il persuna ta Josephine Whiffen ta 68 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ l-istess persuna Josephine Whiffen Karta ta’ Identita nru. 0435144(M);

2) fl-istess data gewwa Fgura, ghal habta ta 08.30a.m., fi Triq Hompesch, ikkommetta serq ta’ katina ta’ kulur isfar u kif ukoll pendent b’ghamla ta salib ta kulur isfar minn fuq il persuna ta Romina Magro ta 36 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ l-istess persuna Romina Magro Karta ta Identita nru. 0120776(M);

3) fl-24 ta Mejju 2012 gewwa Paola, ghal habta tas-07.00a.m., fi Triq Sta. Monika, Paola, ikkommetta serq ta’ katina ta’ kulur isfar u kif ukoll domna ta kulur isfar minn fuq il-persuna ta’ Maria Concetta Tirchett ta 77 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tlettin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta’ l-istess persuna Maria Concetta Tirchett Karta ta Identita nru. 0826935M

4) fl-istess cirkostanza ikkaguna fuq il-persuna ta’ Maria Concetta Tirchett ta 77 sena; feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. Martin Mallia Med Reg:2299 mic-centru tas-sahha ta’ Rahal Gdid;

5) fil-25 ta Mejju 2012 gewwa Zabbar, ghal habta tal-10.00am, fi Triq Sta. Duminka, Zabbar ikkommetta serq ta’ katina ta’ kulur isfar minn fuq il persuna ta Joseph Grima ta 73 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta’ l-istess persuna Joseph Grima Karta ta Identita nru. 0627939M;

6) ikkaguna ferita/i ta natura hafifa fuq il persuna ta Romina Magro;

7) talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-Istampa;

8) fiz-Zejtun nhar it-12 ta' Novembru 2011, ghal habta tas-07:00 ta' fil-ghaxija, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, 'laptop' ta ghamla mhux maghrufa, zewg (2) cameras digitali ta' l-ghamla mhux maghrufa, telefon cellulari ta' l-ghamla 'LG', 'DVD player' ta' l-ghamla mhux maghrufa, ammont mhux maghruf ta' deheb u kif ukoll flus kontanti liema serq jeccedi l-elfejn u tnejn u tlettin Ewro u erbgha u disghin centezmu (2390.24) u ghalhekk ikkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil hin, u bil-lok u li sar ghad-detriment ta' Chantelle Desira detentrici ta' karta ta' l-Identita: 0199880M u Latoia Chircop detentrici ta karta ta Identita: 0534490M;

9) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobli liema hsara teccedi 116.47 Ewro fuq bieb ta' residenza ghad-dannu ta Chantelle Desira u Latoia Chircop;

10) f`Malta xjentament laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b`qerq, jew akkwistati b`reat, sew jekk dan sar f`Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b`kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

11) akkuzat bi Ksur tal-Bail li dina l-Onorabbli Qorti, hekk preseduta mill-Magistrat Dr.Silvio Meli LL.D., li harget fil Konfront ta' Reno Azzopardi, datata fil-31 ta' Ottubru 2010.

Il-Qorti mitluba tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Reno Azzopardi u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta' 5,000 Ewro jghaddu favur il-Gvern ta' Malta. Kiser ukoll il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Micheal Mallia LL.D. nhar it-18 ta' Settembru 2004, u dan waqt li kien mehlus mill-arrest taht garanzija personali ta' Lm 1,000

(€2,329.37) u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-helsien mill-arrest datat nhar nhar it-18 ta’ Settembru 2004 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Micheal Mallia LL.D. u tordna l-arrest mill-gdid ta’ Reno Azzopardi. Kif ukoll, li tordna li somma ta’ flus bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulata fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Irrenda ruhu recediv b`diversi sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbiddlu. (Art 49, 50, 289 tal-Kap 9).

Il-Qorti mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi fl-liema ammissjoni insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Ftit hemm xi tghid rigward il-kawza. L-imputat ammetta b’mod volontarju u inkondizjonatament l-akkuzi migjuba kontra tieghu. Tali jinvolvu hames serqiet, tlieta minnhom fuq persuni anzjani u serqa ohra kwalifikata bil-valur, mezz u hin fejn fiha hemm adebita hsara konnessa mal-istess. Dwar is-serq fuq l-anzjani hemm attinenti maghhom l-offiza tal-feriti hfief u aggravati minhabba l-valur li pero’ ma jeccediex 2,390.24 Ewro liema aggravju jirrizulta wkoll fis-serqiet l-ohra. Huwa akkuzat ukoll bi ksur

tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, ir-recidiva u l-assocjazzjoni.

Issa apparti l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu hemm l-istqarrija debitament u legalment minnu rilaxxjata li tikkonferma l-ammissjoni tieghu quddiem il-Qorti ghar-reati li taghhom hu akkuzat bl-eccezzjoni tal-assocjazzjoni li ma tirrizulta minn imkien. Il-Qorti hi tal-fehma li nonostante l-ammissjoni ghal dik l-akkuza l-imputat m’ghandux jinstab hati, ukoll tar-ricettazzjoni, akkuza in alternattiva ghas-serq.

Rat relattivament il-piena: l-Artikolu 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 270, 274(d), 276A, 278(3), 279(a), 579(2), 49, 50, 17(b)(h), u 31 tal-Kap 9.

Tikkundannah erba’ snin prigunerija.

L-imputat esprima x-xewqa li jaghmel program ta’ rijabilitazzjoni minhabba l-vizzju tad-droga.
Il-Qorti tirrakkomanda illi l-imputat jithalla jaghmlu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------